II

# Il-professur GĦASFUR fl-Ispazju

Ġorġ Mallia

merlin

# 0.

Kien hemm mijiet minnhom, jekk mhux eluf, u kull wieħed kien mimli aljeni u biżżejjed bombi biex jeqirdu d-dinja aktar minn darba.

Il-flotta qorbot dejjem aktar lejja. U taru bla formazzjoni … bl-addoċċ. Immaġinajt ħsejjes ta' ħafna ajruplani jtiru f'daqqa, imma fl-ispazju ma kienx hemm ħoss. Taru fis-skiet, iżiġġu minn naħa għal oħra, donnhom żnażan imnaffra, lesti biex jattakkaw l-għadu b'qilla kbira. Lesti għall-qerda.

U jien kont waħdi.



*U issa kienu kważi waslu fuqi.*

Ħassejtni qed negħleb, u għamilt minn kollox biex niddritta. Kelli ġettijiet ta' arja kkompressata mwaħħla mal-apparat tal-ossiġnu, u permezz tagħhom stajt inżomm wieqaf. Jekk inħossni qed inxaqleb lejn ix-xellug, ngħidu aħna, nispara l-ġett tax-xellug għal mument, u niddritta. Imma fl-ispazju, diffiċli immens tibqa' post wieħed. Ma kelli l-ebda kontroll fuq id-direzzjoni ta' ġismi.

U issa kienu kważi waslu fuqi. Stajt nara t-twieqi tondi, jixegħlu bi dwal strambi jiddu minn bozoz li min jaf f'liema galassja pproduċewhom.

Minn fejn kont, ma stajtx nara x'tip ta' magni kellhom. Ma kien hemm l-ebda ħjiel ta' exhaust, voldieri ma kienu qed jaħarqu l-ebda tip ta' fuel. Immaġinajt li kienu jisiltu l-enerġija mir-radjazzjoni li hemm fl-ispazju … ngħidu aħna r-raġġi kosmiċi li nħolqu mis-supernova

ta' min jaf kemm-il stilla biljuni ta' snin ilu. Iva, bilfors li xi ħaġa hekk.

U jien biss kien hemm bejnhom u bejn id-dinja tagħna. Dinja li ma kellhiex ħjiel x'kien qed jiġri fis-smewwiet fuq rasha. Jien biss, u l-arma li kelli f'idi, kontra mijiet li kienu se jattakkawni bl-aktar mod selvaġġ possibbli.

Kif kien se jirnexxili nwaqqafhom? Ma kelli l-ebda pjan sod. Kont naf biss li l-mument li kienu qrib biżżejjed biex ir-raġġi tal-arma tiegħi jilħquhom, nibda ntajjarhom mis-smewwiet wieħed wieħed … kif kont għamilt kemm-il darba fil-video games. Imma did-darba ma kinitx logħba. Did-darba kienet ħajja jew mewt.

U mewt mhux għalija biss, imma għad-dinja kollha.

Issa. Wasal il-mument. Issa. L-ewwel mill-attakkanti kien pass 'il bogħod minni.

Għollejt l-arma li kelli f'idi x-xellugija. Poġġejt idi l-leminija fuqha, biex nissodaha

… biex inwaqqaf ir-rogħda kbira li kelli minn rasi sa saqajja.

U bil-mod il-mod ħadt il-mira …